# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 03/2024

**Data tal-laqgħa:** 17 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Maria Briffa Callus | ***Deputat Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 3.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

3.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 1

3.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 1 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 3.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 2 (B'Urġenza)

3.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 2 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, li kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.4.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-ftehim ta' aċċettazzjoni dwar Ċirkulari Nru. SPI/SCI/5/2024 dwar Skema għall-Attivtajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025, mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali.

3.4.1.1 Is-Sindku kompla jgħid li is-somma ta' €7,400 ġiet approvata għall-attività Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market u €8,900 ġiet approvata għall-attività Irkottafest 2025.

3.4.1.2 Is- Sindku żied jgħid li l-ammont li kwalifikajna għalih huwa inqas minn dak tas-sena preċedenti, għaldaqstant il-Kunsill irid jirrikorri għall-fondi

u mezzi oħra minn fejn jistgħu jinkisbu aktar fondi, kif ukoll il-Kunsill għandu ikun akar kawt f'dak li jirrigwardja l-ispejjeż.

3.4.1.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-ftehim u għaldaqstant għadda biex jiġi ffirmat mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

3.4.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu ftehim mal-Parroċċa Hal Kirkop dwar Projectors għall-Użu tal-Komunità fid-Domus Curialis, Ħal Kirkop, liema ftehim kien skada fl-aħħar ta' Ġunju.

3.4.2.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera preżenti kienu jaqblux li dan il-ftehim jiġġedded għal ħames snin oħra.

3.4.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-ftehim u qablu li dan jiġġedded għal ħames snin li ġejjin, jiġifieri mill-1 ta' Lulju, 2024 sal-aħħar ta' Ġunju, 2029.

3.4.2.3 Għaldaqstant il-Kunsillier Ritienne Caruana ressqet mozzjoni biex il-ftehim mal-Parroċċa Ħal Kirkop dwar Projectors għall-Użu tal-Komunità kellu jiġi estiż għal ħames snin li ġejjin, mill-1 ta' Lulju, 2024 sal-aħħar ta' Ġunju, 2029, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-ftehim ta' aċċettazzjoni- Ċirkulari Nru. SPI/SCI/03/2024 dwar Inizjattiva Finanzjarja- Lokalitajiet Aktar Nodfa, mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

3.4.3.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill Lokali Hal Kirkop kien applika sabiex il-fondi mgħotija minn din l-iskema jiġu utilizzati sabiex isir it-tindif meħtieġ fi Triq il-Gudja. Din iż-żona sservi bħala spazju żgħir għall-*picnics* u passiġġati fejn sfortunatament, jintrema u jiġi akkumulat skart varju.

3.4.3.2 Is-Sindku żied jgħid li din l-attivita' ta' tindif ser issir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Settembru.

3.4.3.3 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill, permezz ta' din l-iskema ser jibbenefika mis-somma ta' €1500, sabiex jiġu koperti l-ispejjeż relatati max-xiri tal-provisti, ħlas ta' servizzi u assistenza mill-NGOs, reklamar tal-attivita' u spejjeż amministrattivi.

3.4.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn tinkludi r-rapport li sar minn Transport Malta bi stħarriġ li sar dwar siġar ħerġin 'l barra fuq il-ġnubijiet tat-toroq minn fejn jgħaddu r-rotot tal-*Open Top Buses.*

3.4.4.1 Is-Sindku żied jgħid li f'dan ir-rapport hemm imsemmija s-siġar li hemm ħerġin 'l barra qabel tidħol għal mini ta' Hal Kirkop kif ukoll dawk li hemm viċin ir-round-about ta' fejn l-ST Microeletronics fi Triq l-Industrija.

3.4.4.2 Is-Sindku kompla jgħid li dawn iż-żewġ siti jinsabu f'toroq arterjali u għaldaqstant iż-żbir meħtieġ ma jaqax taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li tiġi mwieġba l-korrispondenza mibgħuta, sabiex jiġi ċċarat dan.

3.4.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva ċirkulari mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali- Cir AKL 2024/047 Group Life Policy 2024 -2025 għal Membri Eletti; fejn il-Kunsilli Lokali ġew infurmati sabiex iġeddu l-polza tal-assigurazzjoni- Life Policy għal—Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindi u Kunsilliera għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2024 u l-31 ta' Lulju, 2025.

3.4.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-qraba f'każ li membru elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga u kemm il-darba din il-polza tiġi mħallsa u mġedda.

3.4.5.2 Is-Sindku żied jgħid li l-assoċjazzjoni reġgħet qed toffri r-rata ta' €65.00 għal kull membru elett bejn 18-il sena u il-65 sena, u €340.00 għal membri li għandhom bejn is-66 sena sa 70 sena. Filwaqt li din il-polza ma tkopriex membri eletti li għandhom aktar minn 71 sena.

3.4.5.3 Għaldaqstant is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni biex isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-membri eletti jiġu msieħba fil-polza tal-Assigurazzjoni - Life Policy għal—Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindi u Kunsilliera għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2024 u l-31 ta' Lulju, 2025, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Loranna Bonnici, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.6 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-GAL Xlokk, fejn talbu li l-Kunsill Lokali jagħżel rappreżentant minn fost il-membri eletti sabiex

jirraprenżenta l-Kunsill Lokali waqt il-laqgħat u l-attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-GAL Xlokk.

3.4.6.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Sindku Matthew Agius Zammit ser ikun ir-rappreżentant magħżul u l-Kunsilliera Ritianne Caruana tkun is-sostitut tiegħu f'każ li s-Sindku ikun indispost.

3.4.6.2 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Bernice Caruana ressqet mozzjoni sabiex is-Sindku Matthew Agius Zammit ikun ir-rappreżentant f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop u l-Kusnilliera Ritianne Caruana tkun is-sostitut tiegħu f'każ li s-Sindku ikun indispost waqt il-laqgħat u l-attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-GAL Xlokk, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.7 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza oħra mill-GAL Xlokk rigward it-tnehdija ta' żewġ miżuri bl-isem: *Measure 2- 'Strenghtening a Healthy Cultural Idenity'* u *Measure 4- 'Development of Green Infrastrucuture'* li huma parti mill-*budget* addizzjonali relatat mal-LEADER Programme 2014-2020.

3.4.7.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal *Measure 4- 'Development of Green Infrastrucuture',* sabiex jipprova jikseb il-fondi meħtieġa għall-proġett ta' tisbieħ f' Misraħ Żerniq. Fejn tali proġett ikun jinkludi *roof garden* fuq il-*public convenience,* manutenzjoni fuq il-bankijiet eżistenti, installazzjoni ta' *playing equipment* għal tfal b'ħiliet different u sistema ta' tisqija permezz ta' irrigazzjoni.

3.4.7.2 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Bernice Caruana resqet mozzjoni biex jibda l-proċess meħtieġ sabiex il-Kunsill japplika għal *Measure 4- 'Development of Green Infrastrucuture',* sabiex jipprova jikseb il-fondi meħtieġa għall-proġett ta' tisbieħ f' Misraħ Żerniq, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Ritianne Caruana, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Malta International Airport plc fejn wara d-diskussjonijiet li saru bejn il-Malta International Airport plc u l-Kunsill Lokali Ħal Kirkop dwar it-tisbiħ u aċċessibilita' taż-Żona ta' Osservazzjoni li tinsab fi Triq l-Industirja, intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ partijiet, fejn l-MIA ikkonfermat li ser ikunu qed jagħtu l-appoġġ tagħhom f'dan il-proġett.

3.4.8.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-MIA ser tkun qed tiffinanzja dan il-proġett filwaqt li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jieħu ħsieb jagħmel il-manutenzjoni ġenerali meħtieġa li jista jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien.

3.4.8.2 Is-Sindku żied jgħid li l-perit tal-Kunsill kien ġibdlu l-attenzjoni li l-istima għall-ispejjeż tal-manutenzjoni li ġiet proġettata kienet waħda baxxa. Is-Sindku ser ikun qed jerġa jikkonsulta mal-perit sabiex isiru l-aġġustamenti meħtieġa.

3.4.8.3 Għaldaqstant is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni sabiex isiru l-aġġustamenti meħtieġa fl-istima għall-ispejjeż ta' manutenzjoni li ġiet proġettata u ġaladarba jiġi finalizat dan il-proġett, il-manutenzjoni ġenerali taqa taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Hal Kirkop, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Loranna Bonnici, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.9 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Punent bi Press Release maħruġ mill-ERA bit-titlu: Il-Konsumaturi Mħeġġa Jużaw Boroż Suwed 'See-Through' mill-1 ta' Lulju.

3.4.9.1 Is-Sindku żied jgħid li f'din l-istess korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Punent, permezz ta' komunikat mill-President tas-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) ġie enfassiżżat sabiex il-Kunsilli Lokali ma jtellgħu l-ebda materjal fuq is-suġġett fil-media soċjali tagħhom qabel ma jkun hemm kjarifiki ċari dwar dan is-suġġett. Dan għaliex, jekk ikun hemm domandi mingħand ir-residenti, l-Kunsill mhux ser ikun f'pużizjoni li jforni l-informazzjoni mitluba.

3.4.10 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand is- Sur Johan Mula, Sindku ta' Hal Safi, fejn talab laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa id-devjazzjoni tat-Trasport Pubbliku waqt il-festi taż-żewġt irħula.

3.4.10.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit kompla jgħid li din il-laqgħa saret u kien hemm qbil li sakemm Triq San Pietru ġewwa Hal Kirkop tkun magħluqa, t-trasport pubbliku b'direzzjoni lejn iż-Żurrieq, hekk kif jasal lejn Triq San Pietru għandu jiġi devjat għal Triq ir-Ramlija, jipproċedi għal Triq Valletta u wara għal Triq Dun Ġużepp Barbara. B'hekk se jkunu qed jinqabżu biss żewġ *bus stops* minn Triq San Pietru. Dan il-ftehim sar ukoll fil-preżenza ta' uffiċjali minn Transport Malta.

3.4.11 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b' korrispondenza li ntbagħtet mid-Direttorat tad-Drittijiet Umani fejn flimkien mas-Segretarjat Parlamenti għar-Riformi u l-Ugwaljanza qed jorganizzaw avveniment, bħala parti mill-'Blue Heart Campaing' li ser iwassal għall-Jum Dinji kontra t-Traffikar tal-Bnedmin fit-30 ta' Lulju.

3.4.11.1 Is-Sindku żied jgħid li sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-'Blue Heart Campaing' id-Direttorat qed iħeġġeġ sabiex jinxtegħlu dwal blu ma' Binjiet Governattivi, bħal Kunsilli Lokali, bejn it-22 u t-30 ta' Lulju.

3.4.11.2 Għaldaqstant is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni sabiex bejn nhar it-22 u t-30 ta' Lulju, il-binja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop tinxtgħel b'dawl blu, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Ritienne Caruana, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.12 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn f'korrispondenza mibgħuta mill-Malta Foundation for the Wellbeing of Society infurmawna li fetħet sejħa għall-voluntiera għall-Kunsill Lokali tat-Tfal. Din is-sejħa hija miftuħa ukoll għall-pubbliku inġenerali.

3.4.12.1 Is-Sindku żied jgħid li dawk kollha interessati għandhom jimlew l-applikazzjoni meħtieġa u tiġi mibgħuta b'mod elettroniku lill-Malta Foundation for Well Being and Society.

3.4.13 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Uffiċjal tas-Saħħa mill-Malta Health Students' Association (MHSA) fi ħdan l-Universita' Malta, fejn apparti li joffru edukazzjoni u pariri dwar is-saħħa offrew li jagħmlu ukoll bla ħlas, kontrolli tas-saħħa relatati ma' pressjoni tad-demm u kontrolli tal-livelli tal-glukożju fid-demm.

3.4.13.1 Is-Sindku żied jgħid li l-MHSA talbet li tagħmel dawn it-testijiet ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali f'dati flessibli bejn it-22 ta' Lulju, 2024 u April 2025.

3.4.13.2 Wara li saret diskussjoni kien hemm qbil li tintalab laqgħa mall-MHSA sabiex isiru l-arranġmenti meġtieġa biex jibda jingħata dan is-servizz bla ħlas.

3.4.13.3 Għaldaqstant il-Kunsillier Loranna Bonnici ressqet mozzjoni sabiex tintalab laqgħa mall-uffiċjal tas-Saħħa mill-MHSA sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier , Joseph Schembri bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.14 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Retial Banking Departiment fi ħdan il-BNF Bank, fejn talbu laqgħa mas-Sindku sabiex jiġu diskussi attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokai ta' Ħal Kirkop.

3.4.14.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex tinstab data konvenjenti u ssir il-laqgħa mitluba.

3.4.15 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza bl-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex bejn il-Ħamis, 19 u l-Ħadd, 22 ta' Settembru jitla ġewwa Riga fil-Latvia sabiex jirrappreżenta l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop waqt il-ħames u l-aħħar laqgħa dwar il-proġett Us4EU bit-titlu *Stenghtinging European Identity in Times of Crisis.*

3.4.15.1 Is-Sindku żied jgħid li waqt il-laqgħat li ser ikunu qed isiru tul din iż-żjara ser ikunu qed isiru laqgħat ma' istituzzjonijiet politiċi, attivitajiet kulturali, diskussjonijiet dwar il-kisbiet tal-Unjoni Eworpea tul l-istorja tagħha u analiżi tal-Elezzjonijiet Ewropej 2024.

3.4.15.2 Is-Sindku kompla jgħid li għal din il-mawra ġie mitlub iħejji artiklu b'suġġett ħieles li għandu jintbagħat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru, 2024. Ser tkun qed tinħoloq pubblikazzjoni b'ġabra ta' artikli magħmulha mir-rappreżentanti tal-irħula parteċipi.

3.4.15.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-Kunsilliera Ritienne Caruana tingħaqad mas-Sindku sabiex tattendi għal din l-aħħar laqgħa tal-proġett Us4EU bit-titlu *Strengthening European Identity in Times of Crisis* li ser tkun qed issir ġewwa l-Latvia.

3.4.15.4 Għaldaqstant is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni sabiex bejn il-Ħamis, 19 u l-Ħadd, 22 ta' Settembru, il-Kunsilliera Ritienne Caruana tingħaqad mas-Sindku sabiex tattendi għal din l-aħħar laqgħa tal-proġett Us4EU bit-titlu *Stengthening European Identity in Times of Crisis* ġewwa l-Latvia. , liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.16 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Light Pollution Awareness Group ASM fejn bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f' għeluq l-40 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta' Astronomika f'Malta, talbu sabiex jagħmlu lejla ta' osservazzjoni u għarfien astronomiku bit-telescopes ġewwa Ħal Kirkop.

3.4.16.1 Is-Sindku żied jgħid li dan il-grupp talab sabiex jagħmel dan l-avveniment bejn it-tieni u t-tielet ġimgħa ta' Settembru.

3.4.16.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li tintalab aktar informazzjoni dwar is-sit maħsub ta' fejn ser isir dan l-avveniment, sabiex nassiguraw irwieħna li ma jkunx ser jinħoloq inkonvenjent għal terzi.

3.4.17 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kirkop Pageant Group fejn talbu laqgħa ta' kortesija mal-Kunsill il-ġdid.

3.4.17.1 Is-Sindku żied jgħid li l-għan ta' din il-laqgħa hu sabiex dan il-grupp jaqsam il-pjanijiet li għandu għall-futur u jinstabu opportunitajiet kif din l-għaqda tista tkun ta' għajnuna għall-Kunsill.

3.4.17.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex issir il-laqgħa tentattiva nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju 5.30pm.

3.4.18 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu fejn talbu sabiex jużaw is-sala tal-kunsill għal kunċerti ta' prova fi tlett dati tul ix-xahar ta' Awwissu, 2024.

3.4.18.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li ġaladarba fid-dati mitluba ma m'hemmx attivitajiet oħra skedati li jsiru fis-sala, l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-Għaqda Mużikali San Leonardu sabiex isiru l-arranġamenti meħtiega.

3.4.18.2 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Bernice Caruana resqet mozzjoni sabiex, tingħata konferma lill-Għaqda Mużikali San Leonardu li s-sala ser tkun disponibbli u l-Kunsill aċċetta li tista tintuża s-sala fid-dati mitluba sabiex isiru l-kunċerti ta' prova li liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.19 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li waħda mill-ħaddiema klerikali kien imissha tieħu l-*increment* li jingħata kull sena b'effett mill-1 ta' Lulju, 2024.

3.4.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li la ma kienx hemm problemi fil-*performance* tal-impjegata, dan l-*increment* għandu jingħata.

3.4.19.2 Għaldaqstant, il-Kunsilliera Ritienne Caruana ressqet mozzjoni biex l-impjegata tal-Kunsill tingħata l-*increment* għal *notch 4*, liema

mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

3.4.20.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li d-Deputat Segretarju Eżekktiv attwali infurmatu li ser tirreżenja mill-kariga minħabba raġunijiet personali.

3.4.20.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li tintalab id-direzzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex inkunu infurmati bil-proċeduri li għandhom jiġu eżegwiti sabiex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid.

## 3.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.5.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

3.5.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici staqsiet dwar x'għajnuna hemm sabiex l-għaqdiet tar-raħal ikunu infurmati bi skemi li r-Reġjun Punent joħroġ minn żmien għal żmien fejn ġiet infurmata li l-Cultural Manager fi ħdan ir-Reġjun jieħu ħsieb jinforma lil dawn l-għaqdiet b'kull skema li jkunu eleġibbli li japplikaw għaliha kif ukoll joffri l-għajnuna meħtieġa sabdiex jiġu kumpilati u sottomessi l-applikazzjonijiet meħtieġa.

3.5.3 Il-Kunsillier Loranna Bonnici kompliet tgħid li bosta residenti għandhom bżonn iġeddu l-karta tal-identita' minħabba li ser tiskadi dalwaqt, għaldaqstant ħadet l-inizjattiva fejn għamlet kuntatt ma' Identity Malta sabiex tesplora x'servizz jista jiġi offrut għar-residenti li huma *home bound.*

3.5.3.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici żiedet tgħid li ġaladarba Identity Malta ikollha d-dettalji ta' dawn ir-residenti, Identity Malta ser tkun qed tagħmel kuntatt magħhom sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa u jagħtuhom is-servizz ta' tiġdied tal-karta tal-identita' ġewwa l-kumdita ta' djarhom.

3.5.3.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jippubblika avviż fuq il-paġna tal-mezzi soċjali kif ukoll dan l-istess avviż jingħad waqt l-avviżi tal-parroċċa sabiex dawk kollha interessati iħallu d-dettalji tagħhom ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Din l-informazzjoni għanda tasal sa mhux aktar tard min-nhar il-Erbgħa, 31 ta' Lulju.

3.5.4 Il-Kunsillier Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

3.5.5 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar xi pjanijiet hemm sabiex isir sorveljanza waqt il-ħin tad-dħul u ħruġ tal-istudeni mill-iskola medja.

3.5.5.1 Għal dan il-punt is-Sindku Matthew Agius Zammit informa l-Kunsilliera li fil-jiem li ġejjien hemm laqgħa skedata mall-Community Police team fejn ser jiġi diskuss dan il-punt.

3.5.5.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet informazzjoni dwar l-iskeda tal-knis. Is-Sindku Matthew Agius wieġeb li f'dan l-istadju qed tingħata priorita' u ssir enfasi fuq toroq partikolari, ġaladarba jitlestew dawn it-toroq ser tibda tiġi segwieta skeda li ħa ħsieb jiprepara hu stress.

3.5.5.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana talbet sabiex il-Kunsill jagħmel set ta' punti sabiex jiġu diskussi u ċċarati mal-għaqdiet tal-festi ġewwa Ħal Kirkop. Fost dawn il-punti għandu jkun hemm inkluż l-għeluq tat-toroq waqt li jkun qed jiġi żarmat l-armar tal-festi u waqt il-marċi. Dawn il-punti għandhom jiġu kjarifikati sabiex intejjbu s-sitwazzjoni tal-għeluq tat-toroq waqt il-ġranet tal-festi sabiex l-impatt ikun wieħed minimu.

3.5.5.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana talbet sabiex il-Kunsill jippromovi aktar l-*open library* li hemm installata viċin il-bini amministrattiv tal-Kunsill sabiex isir l-aħjar użu minnha. Kien hemm qbil li din il-librerija tingħata importanza u prominenza waqt l-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill.

## 3.6 Rapport tal-Ilmenti

3.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment li rċieva l-kunsill rigward problema ta' parkeġġ li nħolqot meta tneħħew l-ispazji tal-parkeġġi fuq iż-żewġ naħat tat-triq fi Triq il-Kbira.

3.6.1.2 Ir-residenti li qed jagħmlu dan l-ilment sostnew li ġaladabra din it-triq saret one way il-vetturi mhux qed ikollhom jitilgħu fuq il-bankina bil-konsegwenza li jagħmlu danni fuq il-propjeta' ta'terzi.

3.6.1.3 L-istess residenti qed jissuġerixxu li jsiru l-ispazji tal-parkeġġ fuq in-naha tax-xellug.

3.6.1.4 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu preżentament.

3.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment li rċieva l-Kunsill mingħand residenti minn Triq iż-Żebbiegħ u Triq il-Lewżiet, fejn qalu li jinsabu sorpriżi kif il-Kunsill ma oġġezzjonax li l-Music Festival li sar nhar it-22 ta' Ġunju isir fi triq pjutost traffikuża. Għaldaqstant dawn ir-residenti qed jissuġerixxu li jinstab lok alternattiv.

3.6.2.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li ser ikunu qed isiru diskussjonijiet mal-għaqdiet tar-raħal saiex jinstab lok alternattiv għall-attivitajiet tal-massa.

3.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment li rċieva l-kunsill sabiex titneħħa bozza li tinsab biswiet gallarija ta' residenza privata fi Triq id-9 ta' April. Din it-talba qed issir l'għaliex il-bozza għanda vultaġġ qawwi u qed tagħmel ħafna dawl.

3.6.3.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jitnaqqas il-vultaġġ tal-bozza u isir xi tip ta' *shade* sabiex jitnaqqas id-dawl.

3.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment li rċieva l-kunsill sabiex titneħħa siġra li l-għeruq tagħha qed jikkawżaw ħsarat fuq il-bankina u fuq propjeta' privata fi Triq San Ġwann. Din is-siġra tinsab faċċata tal-iskola sekondarja naqa l'isfel mill-Lidl.

3.6.4.1 Wara diskussoni kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni tal-ERA sabiex titneħħa din is-siġra.

3.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment li rċieva l-kunsill rigward talba biex titneħħa road hump li hemm fi Triq tal-Aħfar. Din it-talba qed issir għaliex kull meta tagħmel ix-xita qed iżomm ammont kbir ta' ilma milli jiskula.

3.6.5.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex din ir-road hump titneħħa ġaladarba tinsab f'service road u għaldaqstant il-vetturi ma jgħaddux b'veloċita' eċċessiva.

3.6.5.2 Għaldaqstant, il-Kunsilliera Ritienne Caruana ressqet mozzjoni sabiex titneħħa r-road hump li hemm fi Triq tal-Aħfar, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonnici, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

3.6.6 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward skart li qed jiġi imgeddes mill-kuntrattur fi Triq in-Nejder, konsegwentament l-iskart li jkun għad hemm biswiet ir-residenzi mhux qed jinġabar ġaladarba jgħaddi l-iscammel.

3.6.6.1 Kien hemm qbil li ninfurmaw lill-kollettur kif ukoll lill-*contracts manager* sabiex l-iskart jinġabar bieb bieb u ma jsirx tgeddies ta' boroż.

3.6.7 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward ċagħaq li qed jispiċċa mferrex fil-ġnien ta' Pjazza Żerniq. Għal dan l-ilment is-Sindku Matthew Agius Zammit issuġerixxa li l'quddiem għandu jitneħħa ċ-ċagħaq u minflok jintuża tip ta' *mulching* ieħor u ssir pompa b'*timer* sabiex tiġi regolarizzata t-tisqija.

3.6.8 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward siġra li waqgħet għal fuq il-kappella taċ-ċimiterju. Wara diskussjoni kien hemm qbil li tintalab l-assisenza tal-Diviżjoni tal-Manutenzjoni u Tindif sabiex naraw jistgħux jassistuna fit-tneħħija ta' din is-siġra.

3.6.9 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward bżonn ta' manutenzjoni f'parti mill-wiċċ tat-triq biswiet il-*bus stop* fi Triq Ħal Safi. Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li *Infrastructure Malta* ser tkun qed tagħti wiċċ ġdid lil din it-triq wara li jiġu mgħoddija s-servizzi. Is-Sindku żied jgħid li dan ix-xogħol għandu jibda hekk kif titlesta Triq San Pietru.

3.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 3.7 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-Sena 2024

3.7.1 Minħabba t-transazzjoni tal-bidla fil-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv ma kienx hemm żmien biżżejjed sabiex dan ir-rapport jiġi finalizzat, għaldaqstant ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena 2024 ser ikun qed jiġi preżentat fis-seduta li jmiss.

## 3.8 Konfini ta' Ħal Kirkop

3.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit staqsa dwar minfejn tista tinkiseb informazzjoni dwar il-konfini preżenti tar-raħal ta' Ħal Kirkop.

3.8.2 Il-Kunsillier Joseph Schembri qal li l-uniku kwistjoni dwar konfini kienet dwar iż-żona tar-Robba pero din ġiet iċċarata, u għaldaqstant iż-żona inkwistjoni taqa' taħt il-konfini ta' Ħal Kirkop.

3.8.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li nikkonsultaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jatuna linji gwida minn fejn nistgħu niksbu din il-kjarifika.

## 3.9 Proġett ta' Dwal f'Misraħ Żerniq

3.9.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li Il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħolijiet Pubbliċi (MTIP) qed jinvesti f'enerġija rinnovabbli f'toroq u spazji pubbliċi. Fejn b'dan l-investiment qed jinbidlu jew jiġu installati dwal ġodda b'bozoz LED b'panelli fotovoltajċi f'toroq, bankini u spazji miftuħa.

3.9.2 Is-Sindku żied jgħid li l-MTIP għandu l-intenzjoni li jimplimenta din l-infrastruttura f' Misraħ Żerniq. Għaldaqstant il-Ministeru ser ikun qed joħroġ is-sejħiet għall-offerti meħtieġa sabiex dan l-investiment jiġi implimentat.

3.9.3 Is-Sindku kompla jgħid li l-MTIP ser ikun qed iżomm il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop aġġornat b'dan l-investiment permezz ta' laqgħat qabel, waqt u wara l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett li ser jiġi formalizzat permezz ta' MOU.

## 3.10 Attivita' għal Tmiem is-Sajf għat-Tfal

3.10.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici issuġġeriet sabiex il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop jorganizza attivita' għal tmiem is-sajf immirata għat-tfal.

3.10.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li din l-attivita' ssir nhar il-Ħadd, 15 ta' Settembru bejn l-10.00 ta'filgħodu u s-14.00 ta' wara nofsinhar ġewwa Pjazza Żerniq.

3.10.3 Kien hemm qbil sabiex isiru laqgħat mal-għaqdiet tar-raħal sabiex nitolbu l-kollaborazzjoni tagħhom għal waqt din l-attivita'.

3.10.4 Għaldaqstant, il-Kunsilliera Loranna Bonnici ressqet mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop jorganizza attivita' għal tmiem is-sajf immirata għat-tfal, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 3.11 Aċċessibilita' tal-Bankini

3.11.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit semma l-punt dwar ostaklu fuq il-bankina fi Triq Ħal Safi li qed jinħoloq minn pjanti li tpoġġew mir-residenti stess.

3.11.2 Is-Sindku żied jgħid li ġaladarba jitneħħew dawn il-pjanti l-bankina xorta waħda mhux ser tkun aċċessibbli għas-siġġjiet tar-roti, minħabba li partijiet minnha tinsab imtarrġa. Għaldaqstant kien hemm qbil li ma tittieħed l-ebda azzjoni sabiex jitneħħew il-pjanti.

## 3.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

3.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 152 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

3.12.2 Is-Sindku Matthew Agius  ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 152 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonnici, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 3.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

3.12.3 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

3.12.4 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2024 fil-17:00hrs.

3.12.5 Il-laqgħa ntemmet fit-20:05hrs.

Matthew Agius Zammit
***Sindku***

***Deputat Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 7 ta' Awwissu, 2024

**Mozzjoni Ref:** 003/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-ftehim mal-Parroċċa Ħal Kirkop dwar Projectors għall-Użu tal-Komunità kellu jiġi estiz għal ħames snin li ġejjin, mill-1 ta' Lulju, 2024 sal-aħħar ta' Ġunju, 2029, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

**Proponent**
Ritienne Caruana

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus)

**Mozzjoni Ref:** 004/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex isiru l-arranġamenti meħiteġa sabiex il-membri eletti jiġu imsieħba fil-polza tal-Assigurazzjoni - Life Policy għal—Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindki u Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2024 u l-31 ta' Lulju, 2025.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonnici

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 005/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex is-Sindku Matthew Agius Zammit ikun ir-rappreżentant f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop u l-Kusnilliera Ritienne Caruana tkun is-sostitut tiegħu f'każ li s-Sindku ikun indispost waqt il-laqgħat u l-attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-GAL Xlokk.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Bernice Caruana | Joseph Schembri |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 006/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jibda l-proċess meħtieġ sabiex il-Kunsill japplika għal *Measure 4- 'Development of Green Infrastrucuture',* sabiex jipprova jikseb il-fondi meħtieġa għall-proġett ta' tisbieħ f' Misraħ Żerniq.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Bernice Caruana | Ritienne Caruana |

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 007/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex isiru l-aġġustamenti meħtieġa fl-istima għall-ispejjeż ta' manutenzjoni li ġiet proġettata għall-Proġett ta' Tisbiħ u Aċċessibilita' taż-Żona ta' Osservazzjoni fi Triq l-Industrija u ġaladarba jiġi finalizzat dan il-proġett, il-manutenzjoni ġenerali taqa taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali Hal Kirkop.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonnici

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus)

**Mozzjoni Ref:** 008/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex bejn nhar it-22 u t-30 ta' Lulju, il-binja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop tinxtgħel b'dawl blu sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-'Blue Heart Campaing'

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Ritienne Caruana |

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 009/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex tintalab laqgħa mall-uffiċjal tas-Saħħa mill-MHSA sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex isiru l-kontralli msemmija f'punt 3.4.13.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Loranna Bonnici | Joseph Schembri |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 010/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex bejn il-Ħamis, 19 u l-Ħadd, 22 ta' Settembru, il-Kunsilliera Ritienne Caruana tingħaqad mas-Sindku sabiex tattendi għal din l-aħħar laqgħa tal-proġett Us4EU bit-titlu *Stenghtinging European Identity in Times of Crisis* ġewwa l-Latvia.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 011/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex, tingħata konferma lill-Għaqda Mużikali San Leonardu li s-sala ser tkun disponibbli u l-Kunsill aċċetta li tista tintuża s-sala fid-dati mitluba sabiex isiru l-kunċerti ta' prova.

**Proponent**
Bernice Caruana

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

**Mozzjoni Ref:** 012/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex l-impjegata tal-Kunsill tingħata l-*increment* għal *notch 4*.

**Proponent**
Ritienne Caruana

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 013/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex titneħħa r-road hump li hemm fi Triq tal-Aħfar.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Ritienne Caruana | Loranna Bonnici |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 014/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni sabiex nhar il-Hadd, 15 ta' Settembru, l-Kunsill Lokali Hal Kirkop jorganizza attivita' għal tmiem is-sajf immirata għat-tfal.

**Proponent**
Loranna Bonnici

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
*parva non iners*

**Mozzjoni Ref:** 015/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 152 tiġi approvata.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Loranna Bonnici |

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 17 ta' Lulju, 2024

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
(fl-assenza ta Maria Briffa Callus)